

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Marzu 2015 – ZZ vs Europol**(Kawża F-45/15)**

(2015/C 190/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: J-J. Ghosez, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-konvenut li ma jilqax it-talba tar-rikorrent li jingħata kuntratt għal żmien indeterminat.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni impliċita ta' każda adottata mill-konvenut fil-31 ta' Mejju 2014 u d-deċiżjoni ta' każda tal-ilment tar-rikorrent bid-data tat-22 ta' Diċembru 2014 li jiċhdulu, it-tnejn li huma, l-għoti ta' kuntratt għal żmien indeterminat;
- konsegwentement u b'mod prinċipali, jiddikjara li r-rikorrent ser jiġi propost kuntratt għal żmien indeterminat minn Europol fi tmiem il-kuntratt li għandu attwalment;
- b'mod iktar sussidjarju, jekk jirriżulta li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni biss il-kuntratt konkluż taħt il-Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea (Kondizzjonijiet tal-impjeg), jiddikjara li r-rikorrent ser jiġi propost tieni kuntratt għal żmien determinat taħt il-Kondizzjonijiet tal-impjeg minn Europol fi tmiem il-kuntratt li għandu attwalment;
- jikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha tal-proċedura.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-46/15)**

(2015/C 190/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: J.-N. Louis, N. de Montigny u D. Verbeke, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju responsabbli għall-ħlasijiet ta' Brussell li tirrifjuta r-rikonoxximent bħala marda gravi l-marda li jbati minnha r-rikorrent.

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-kap tal-Uffiċċju responsabbli għall-ħlasijiet ta' Brussell, tas-27 ta' Mejju 2014, li tiċħad it-talba ta' rikonoxximent tal-marda li jbati minnha r-rikorrent bħala marda gravi u t-talba tiegħu ta' ħlas ta' 100 % tal-ispejjeż mediċi marbuta magħha;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-47/15)**

(2015/C 190/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentanti: É. Boigelot, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tad-deċiżjoni li ma tintlaqax it-talba għall-għoti retroattiv ta' allowance għall-ulied dipendenti favur żewġ ulied tal-konjuġi tar-rikorrenti, li jirrisjedu fid-domicijlu tagħha ġimgħa minn tnejn, mid-data taż-żwieġ tagħhom, kif ukoll il-ħlas ta' kumpens.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni, tad-9 ta' Diċembru 2014, u nnotifikata fis-16 ta' Diċembru 2014, imma biss sa fejn l-Awtorità tal-Ħatra, wara li laqgħet it-talba fuq dan il-punt u ddeċidiet għustament li tannulla d-deċiżjoni tad-19 ta' Ġunju 2014 u li konsegwentement tagħtiha l-allowance għall-ulied dipendenti u l-benefiċċji relatati, iddeċidiet madankollu li ma tagħtix il-benefiċċju tal-għoti retroattiv tal-allowances inkwistjoni mid-data taż-żwieġ tagħha, u tagħtiha dan id-dritt għall-allowance għall-ulied dipendenti u għall-benefiċċji relatati biss mix-xahar tal-1 ta' marzu 2014, jiġifieri l-ewwel jum tax-xahar li matulu r-rikorrenti ressqet it-talba tagħha għal eżami mill-ġdid;
- tikundanna f'kull każ lill-konvenuta, bħala kumpens u fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni sħiħa tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, għall-ħlas tas-somma ta' EUR 33 375,99, bla ħsara għal kull żieda matul il-proċedura, bħala kumpens għadannu subit ikkawżat mill-konvenuta, bl-interessi moratorji bir-rata legali kif applikata fil-Belġju għas-snin inkwistjoni li jiddekorru mill-1 ta' Settembru 2011 sad-data tal-ħlas sħiħ;
- f'kull każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha, konformement mal-Artikolu 87(1) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.